# LECTIO DIVINA

# It-Tielet Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

### Mk 1, 14-20

**Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla**

Is-Sinottiċi jqiegħdu l-bidu tal-missjoni pubblika ta' Ġesù fil-mument li fih Ġwanni *jiġi mogħti* («παραδίδωμι» tr. *paradidomi*). Ġrajja li tidher bħala negattiva, hija dik li tindika l-«bidu» (*Mk* 1,1) tas-«sena tal-grazzja tal-Mulej» (*Is* 61,2): il-pjan ta' Alla spiss jgħaddi minn toroq li apparentement juru dgħufija u r-rebħa tal-ħażen fuq it-tajjeb: «id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux» (*Ġw* 1,4). Dan il-*bidu* jseħħ wara l-magħmudija ta' Ġesù li fiha *jisma'* lill-Missier isejjaħlu «ibni l-għażiż» (*Mk* 1,11) u l-erbgħin jum li jagħmel fid-deżert imġarrab mix-xitan, «jgħix mal-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli» (*Mk* 1,13). Qabel il-bidu tal-missjoni, hemm is-*smigħ* u d-*deżert*: ix-xandir tal-Vanġelu jkun awtentiku jekk min iħabbru jkun diġà ħalla l-Vanġelu jgħarbel lil qalbu u tkun tqawwiet fit-taqbida tagħha kontra l-qawwiet tal-ħażen. Qalb imbiegħda mill-Vanġelu tkun qisha «ġuf bla frott» (*Ħos* 9,14) li ma tistax tnissel ulied ġodda bl-Evanġelju (cfr *1Kor* 4,15); tkun qalb li għaliha l-Vanġelu jibqa' idea – mentri huwa biss meta jkun *tħabbira* ta' esperjenza persunali li jsir kredibbli (cfr *Ġw* 4,28.42). Biex il-Evanġelju jgħaddi għal «Galilija», għall-bnedmin (il-Galilija huwa l-post fejn Ġesù jiltaqa' mad-dinja), irid ikun l-ewwel biddel il-qalb ta' min ixandru: "[...] kull konverżjoni pastorali tippresupponi konverżjoni personali – ma nistgħux noħolmu li nwettqu din il-konverżjoni pastorali jekk ma nikkurawx bis-serjetà l-ħajja interjuri tagħna" (Mario Grech, *Diskors lis-saċerdoti*, 17 Jan 2015).

**u jgħid: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.»**

Bil-miġja ta' Kristu jiġi inawgurat iż-żmien («καιρὸς», tr. *kairos*) li huwa «mimli» minn Alla («Πεπλήρωται», tr. *peplerotai*: passiv tal-vb. «πληρόω», tr. *pleroo*: timla, twettaq, ittemm), il-«milja» li jġib fit-tmiem iż-żmien tal-istennija (cfr *Gal* 4,4; *Mt* 3,15). Dan huwa ż-żmien li fih huwa Alla li jsaltan u jsejjaħ lill-bnedmin biex jagħrfuh bħala s-Sid tagħhom (cfr *Dan* 2,44; *Is* 2,2-4; *Mik* 4,1-4). Huwa ż-żmien tal-kmand: «μετανοεῖτε» (tr. *metanoeite*), tal-bidla tal-moħħ, tal-mentalità: «Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.» (*Rum* 12,2; cfr *2Pt* 3,9). Huwa ż-żmien li fih il-poplu tal-Patt il-Ġdid jiġi ordnat biex jafda («πιστεύετε», tr. *pisteuete*: emmnu, afdaw [*give credit*]) u jibni ħajtu fuq il-Vanġelu: «Kull ma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu.» (*Eż* 24,7). Li tibdel fehmtek u tibni ħajtek fuq l-Evanġelju jfisser li *tfittex* l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla (cfr *Mt* 6,33), *trodd ħajr* «lil Alla għax aħna ħadna saltna li ma titħarrikx; u *nagħtuh il-qima* li togħġbu bil-ġieħ u bil-biża» (*Lhud* 12,28). Ifisser *tgħannaq* f'ħajtek lil Kristu, l-Evanġelju ta' Alla (cfr *Rum* 1,1-3) – li fih jaslu fit-tmiem il-wegħdiet u l-Patt imħabbar minn Alla permezz tal-Profeti – bħala l-*milja* tal-eżistenza tiegħek.

**Waqt li kien għaddej**

Il-Mulej Ġesù *jgħaddi qrib* («παράγων», tr. *paragon*) u jirrivela lilu nnifsu u lil Missier (cfr *Mt* 9,27; 20,30; *Lq* 18,37; *Mk* 2,14; 6,48). Fit-Testment il-Qadim meta jingħad li Alla *jgħaddi qrib* ifisser li *jirrivela lilu nnifsu* (cfr *Eż* 33,19.22; *1Slat* 19,11; *2Sam* 23,4). Is-sejħa tad-dixxipli mhijiex każwali, imma fil-ħsieb ta' Alla li jgħaddi u juri lilu nnifsu lill-bniedem sabiex dan iwieġeb quddiem ir-rivelazzjoni tiegħu.

**ma' xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ lil Xmun u 'l ħuh Indrì qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda.**

Ġesù jsejjaħ persuni *konkreti*, f'post *konkret*, li qed iwettqu ħidma *konkreta* bħala «sajjieda»: Kristu jgħaddi, jilmaħ, u jsejjaħ b'mod *konkret*. Isejjaħ liż-żewġt aħwa fuq lant tax-xogħol, kif Alla sejjaħ lill-Patrijarki, Imħallfin u Profeti (cfr *Eż* 3,1.10; *Imħ* 6,11-12; *1Slat* 19,19-21; *S* 78,70-72; *Għam* 7,14-15). Il-laqgħa ta' Kristu mal-bniedem isseħħ fil-*konkret* tal-ħajja tal-imsejjaħ. Jekk jixtieq jimxi wara Kristu, irid ikun dejjem aktar bniedem *kontemplattiv* fil-*konkret* ta' ħajtu u tar-realtà tiegħu. Ħajja spiritwali awtentika hija dik tal-bniedem li hu sinċier dwar ir-realtà tiegħu nnifsu u ta' ħajtu: "[Hu] *fl*-istorja u *fil*-ħajja ta'

kuljum, *mal*-oħrajn u mhux mingħajrhom, li jseħħilna nagħrfu lil Alla u tikber ir-relazzjoni tagħna miegħu. Hu b'dan il-mod li l-ħajja spiritwali tagħna tista' tarmonizza bejniethom l-ubbidjenza lejn Alla u l-fedeltà lejn l-art f'ħajja ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba. Hu b'dan il-mod li aħna nistgħu ngħidu l-«iva» lil Alla li jsejħilna b'dawn id-doni u b'dawk il-limiti li jikkaratterizzawna bħala ħlejjaq. Għalhekk, li jkollok ħajja spiritwali jfisser li tidħol fil-mixja tal-fidi wara Kristu biex tasal għall-esperjenza ta' Kristu li jgħammar fina [...] (*2Kor* 13,5). Il-ħajja spiritwali sseħħ fil-«qalb», fl-intimu tal-bniedem, fil-post tax-xewqa u tal-għażla, fl-interjorità. U hemm tingħaraf l-awtentiċità tagħna bħala Kristjani. Il-ħajja Nisranija nfatti mhijiex li «tmur li 'l hinn», dejjem tfittex il-ġdid, imma li «tmur fil-profondità», inżul fil-qalb biex tagħraf li hu l-Qaddis tal-Qaddisin ta' dak it-tempju ta' Alla li hu ġisimna! Ifisser, infatti, li tadura lil Kristu l-Mulej f'qalbek (cfr *1Pt* 3,15)." (Enzo Bianchi, *Lessico della vita interiore: Le parole della spiritualità*).

**U Ġesù qalilhom: «Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin.»**

Fit-Testment il-Qadim, il-Profeti kienu ħabbru l-miġja ta' «sajjieda» f'rabta mal-Ġudizzju tal-Aħħar Jum (cfr *Ġer* 16,16; ara wkoll *Eż* 29,4-5; *Għam* 4,2; *Ħab* 1,14-15). Iżda Dak li ġie sabiex id-dinja ssalva permezz tiegħu (cfr *Ġw* 3,17) iħejji «sajjieda» li minħabba l-Evanġelju jsiru *kollox* għal kulħadd biex isalvaw lil kulħadd (cfr *1Kor* 9,22-23). Din it-tħejjija ma ssirx minnufih, imma sseħħ gradwalment («ποιήσω» tr. *poieso*: futur tal-vb. «ποιέω» tr. *poieo*: tagħmel, tirrendi), fejn Kristu nnifsu («nagħmel») jsawwar dixxipli li jxandru l-Bxara t-Tajba billi huma qabel kulħadd *ibiddlu fehmiethom* u *jibnu* ħajjithom fuq l-Evanġelju. Il-fatt li jridu *jistadu* għall-bnedmin qalb l-ilmijiet tal-ħażen juri li d-dixxipli jridu jkunu mħarrġa biex bil-qawwa tal-Ispirtu ta' dak li jibgħathom huma jorbtu lil «dak li hu qawwi» (*Mk* 3,27) u jeħilsu lill-bnedmin minn ħakma li tjassarhom (cfr *Mk* 3,24) u hekk iwassluhom għas-saltna ta' Alla.

**U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.**

Is-sejħa ta' Kristu titlob tweġiba immedjata, «minnufih» («εὐθύς» tr. *euthus*), bla tnikkir (cfr *Lq* 9, 57-62). Din is-sejħa mhijiex biex id-dixxiplu jimxi wara xi ideal, imma biex jimxi fuq il-passi ta' Dak li qed isejjaħlu («warajja»), jidħol f'*komunjoni* miegħu, l-istess kif il-Poplu ta' Iżrael kien imsejjaħ biex *jimxi wara* l-Mulej Alla tiegħu u jwarrab l-idoli l-oħra («ἀκολουθέω», tr. *akoloutheo*: timxi wara bħala dixxiplu; il-vb. Ebrajk «*halak aharê*», cfr *Eż* 13,21; *Dt* 1,36; 13,5; *1Slat* 14,8; 18,21). Infatti, id-dixxipli «telqu x-xbiek», ħallew il-*ġid*

materjali li kien jagħtihom garanzija ta' għixien biex iħaddnu *ġid akbar* li jagħtihom il-ħajja ta' dejjem: jekk id-dixxiplu ma *jħallix kollox*, ma jistax jilqa s-sejħa li qed issirlu għax qalb marbuta mal-ġid hija qalb paralizzata mgħarrqa fid-dlam u d-dwejjaq tad-dnub (cfr *Mk* 10,22.28-31).

**Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni fid-dgħajsa qegħdin isewwu x-xbiek, u minnufih sejħilhom. U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti, u marru warajh.**

F'kuntrast mal-mentalità Lhudija fejn ir-rabta u r-rispett lejn il-missier karnali kienet meqjusa doveruża (cfr *Eż* 20,12; *Dt* 5,16; *1Slat* 19,20; *Prov* 23,22-25; *Tob* 5,1; *Sir* 3,1-16), ġaladarba fi Kristu kull bniedem hu msejjaħ biex ikun «iben», l-imsejjaħ hu mitlub sabiex jagħraf il-paternità ta' Alla fuq kull rabta tad-demm: «lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla» (*Ġw* 1,12-13). Bħal Ġakbu u Ġwanni, l-imsejħa ta' kull żmien huma mistiedna sabiex jidħlu fl-għerusija ta' Alla mal-bnedmin u għalhekk għandhom *jinsew lil ġenshom u lil dar missierhom* (cfr *S* 45,11) minħabba f'Ġesù u fl-Evanġelju tiegħu ħalli jbiddlu r-rabtiet tagħhom f'*barkiet* għalihom u għal dawk li jisimgħu t-tħabbira tagħhom (cfr *Mk* 10, 29-30). Huma jħallu l-industrija tad-dar, il-«lavranti», għax issa l-*ħidma* tagħhom hija l-«għalqa tal-ħsad» u darhom hija *f'dak li hu tal-Missier* (cfr *Lq* 2,49; 10,2).

Għar-riflessjoni

*Il-Mulej ma għażilx lin-nobbli tad-dinja jew lill-għonja, sabiex il-predikazzjoni ma toħloqx suspett, lanqas ma għażel lill-għorrief tal-art biex seta' jkun hemm min jaħseb li kien ser jipperswadi lill-bnedmin permezz tal-għerf tad-dinja, imma għażel is-sajjieda, l-illitterati, l-inesperti, l-injuranti, biex hekk setgħet tidher ċara l-grazzja tas-Salvatur. Tassew nies umli, anki għas-sengħa li kienu jħaddmu, imma fost l-ogħla għall-fidi u għall-qima tal-ispirtu devot tagħhom; mistkerrha għal din l-art, imma mogħġuba mis-sema, skart għad-dinja, imma nobbli għal Kristu; mhux miktuba fil-ktieb tas-senat ta' din l-art, imma miktuba fil-ktieb tal-anġli tas-sema, foqra għad-dinja, imma għonja għal Alla. Infatti, il-Mulej jaf lil min jagħżel, hu li jgħarbel il-ħsibijiet moħbija tal-qalb: jagħżel lil dawk li żgur ma kinux qed ifittxu l-għerf mundan, imma kienu jixtiequ l-għerf ta' Alla; lanqas kienu mikula bir-regħba għall-ġid tad-dinja, imma kienu jixxenqu għat-teżori tas-sema. Għalhekk, malli semgħu lil Mulej jgħid:*

*Ejjew warajja, huma, ħallew warajhom ix-xbiek u l-missier u kull ġid li kellhom, u marru warajh. U f'dan urew li huma tassew ulied Abram għaliex fuq l-eżempju tiegħu, malli semgħu l-leħen ta' Alla, imxew wara s-Salvatur. Ċaħdu, infatti, minnufih, il-qligħ materjali, biex jiksbu l-qligħ etern, ħallew il-missier tal-art, biex ikollu Missier fis-smewwiet, u għalhekk, mhux ta' b'xejn, stħaqqilhom jiġu magħżula.*

KROMAZJU TA' AQUILEIA, *Commento al vangelo di Matteo.*

[traduzzjoni ħielsa minn verżjoni bit-Taljan]